MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1486/2004

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Victor Fenech u l-istess Victor Fenech**

**Vs**

**Calleja Joseph**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm592.61 (hames mija tnejn u disghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' April 2004 f'San Giljan.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Kundanna lill-konvenut li jhallas in linea ta' danni, Lm534.10 lil Untours Insurance Agents Ltd noe u

Lm58.60 lil Fenech Victor, danni sofferti in segwitu ghal incident stradali li sehh San Giljan fit-13 ta' April 2004 bejn Polo Classic numru RIO 028 misjuqa mill-attur u Van Transit numru CAD 629 li kellha bhala sewwieq taghha lill-konvenut – liema incident gara tort tal-konvenut – Dok P.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali sal-llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-incident in kwistjoni sehh tort unikament tal-attur Victor Fenech.

Ra l-kontro talba fejn inghad:-

Peress illi Victor Fenech li kien qed isuq il-vettura Polo (RIO 028) habat mal-vettura tal-konvenut li kienet wieqfa u kkawzalha hsarat ammontanti ghal Lm105. Ghaldaqstant il-konvenut jitlob li Victor Fenech jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' Lm105 stante li Victor Fenech huwa responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kontestazzjoni unika bejn iz-zewg kontendenti tikkoncerna l-metodu tal-habta. L-attur jallega li l-konvenut fetah il-bieba waqt li kien ghaddej. Il-konvenut jallega li l-attur dahal fil-bieba meta din gia kienet miftuha. Ix-xhieda tal-konvenut xejn ma hu konvenjenti tant li ma ra xejn.

Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni, iz-zewg versjonijiet moghtija jistghu jkunu verosimili. Pero` l-oneru tal-prova jingombi fuq min jallega, mhux min jinnega. L-istat tal-prova ghandhu jkun fuq bilanc ta' probabilitajiet mhux possibilitajiet. Dan l-oneru ma giex skarigat mill-attur.

Relattivament ghal kontro-talba sottomessa mill-konvenut, dana japplika ukoll similarment. A bazi tal-istess principji fuq citati, dina ma tistax tigi milqugha.

Jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici, jilqa` l-eccezzjonijiet tal-atturi ghal kontro-talba. In vista tac-cirkostanzi tal-kazi, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------